

Interest statutorju - Slovakkja

LISTA TAL- KONTENUT

- 1 Huwa permess “mgħax statutorju” fl-Istat Membru? Jekk iva, kif inhu definit “mgħax statutorju” f’dan l-Istat Membru?
- 2 Jekk iva, x’inhu/x’inhni l-ammont / ir-rata u x’inhni l-bażi ġuridika għalih/a? Jekk huma permessi rati differenti ta’ mgħax statutorju, liema ċirkustanzi u kundizzjonijiet japplikaw?
- 3 Jekk meħtieġ, hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar kif jiġi kkalkulat l-imgħax statutorju?
- 4 Hemm aċċess onlajn disponibbli bla ħlas għall-bażi ġuridika msemmija hawn fuq?



1 Huwa permess “mgħax statutorju” fl-Istat Membru? Jekk iva, kif inhu definit “mgħax statutorju” f’dan l-Istat Membru?

L-imgħax ta’ inadempjenza huwa **sanzjoni għall-inadempjenza** fuq dejn. Jitħallas **flimkien mad-dejn**, u huwa stabbilit bħala persentaġġ tal-ammont pendenti. Bil-liġi, l-inadempjenza fuq dejn tiddel il-kontenut tad-drittijiet tal-kreditur u l-obbligi tad-debitur, billi tistabbilixxi drittijiet u obbligi ġodda flimkien mal-obbligu li jitħallas id-dejn, irrispettivament minn jekk id-debitur ikunx ikkawża l-inadempjenza jew le.

Għall-imgħax ta’ inadempjenza statutorju, id-dritt Slovakk jiddistingwi bejn imgħax ta’ inadempjenza skont l-Artikolu 517(2) tal-Att Nru 40/1964, il-Kodiċi Ċivili (*Občianský zákonník*), u mgħax ta’ inadempjenza skont l-Artikolu 369 tal-Kodiċi Kummerċjali (*Obchodný zákonník*). Skont id-dritt ċivili r-rata ta’ mgħax ta’ inadempjenza ma tistax tiġi nnegożjata kuntrattwalment, jiġifieri l-partijiet kontraenti ma jistgħux jaqblu fuq rata oġġla minn dik stabbilita bil-liġi, b’kuntrast mad-**dritt kummerċjali, li jiffavorixxi ftehim bejn in-negożji dwar ir-rata ta’ mgħax ta’ inadempjenza**; jekk ma jintlaħaqx qbil dwar rata, il-kreditur huwa intitolat għal mgħax ta’ inadempjenza bir-rata statutorja.

Għaldaqstant, l-imgħax statutorju huwa mgħax ta’ inadempjenza sempliċi, u l-ammont tiegħu jkun definit bil-liġi skont jekk il-każ inkwistjoni jkunx kopert bid-dritt ċivili jew kummerċjali. Skont id-dritt ċivili l-imgħax ta’ inadempjenza ma jistax ikun oġġla mir-rata speċifikata bil-liġi (jiġifieri rata aktar baxxa milli miftiehem) u fin-nuqqas ta’ ftehim kuntrattwali, l-imgħax ta’ inadempjenza, jekk il-kreditur jitlobha, jiġi stabbilit awtomatikament bir-rata statutorja. Skont id-dritt kummerċjali l-imgħax ta’ inadempjenza jista’ jkun oġġla jew aktar baxx mill-imgħax statutorju, u l-imgħax statutorju huwa rilevanti biss fin-nuqqas ta’ ftehim kuntrattwali.

2 Jekk iva, x’inhu/x’inhni l-ammont / ir-rata u x’inhni l-bażi ġuridika għalih/a? Jekk huma permessi rati differenti ta’ mgħax statutorju, liema ċirkustanzi u kundizzjonijiet japplikaw?

Skont l-Artikolu 517(2) tal-Kodiċi Ċivili, ir-rata statutorja għall-imgħax ta’ inadempjenza hija stabbilita bir-Regolament Nru 87/1995 (*nariadenie ċ. 87/1995 Z.z.*) b’tali mod li r-rata tal-imgħax ta’ inadempjenza tkun ħames punti perċentwali oġġla mir-rata bażi tal-Bank Ċentrali Ewropew fl-ewwel jum tal-inadempjenza fuq dejn. Għaldaqstant, jiżdiedu ħames punti perċentwali mar-rata bażi tal-BĊE (jiġifieri r-rata għall-operazzjonijiet ewlenin ta’ rifinanzjament). Ir-rati ta’ mgħax tal-BĊE għall-perjodi individwali jinsabu hawn: <https://www.nbs.sk/en/statistics/financial-markets/interest-rates/interest-rates-of-the-ecb>. Ir-rata ta’ mgħax ta’ inadempjenza fl-ewwel jum tal-inadempjenza **tapplika għad-durata tal-inadempjenza**, u kull aġġustament sussegwenti għar-rata bażi tal-BĊE ma għandhom l-ebda effett fuq ir-rata tal-imgħax ta’ inadempjenza.

Skont id-dritt kummerċjali, l-imgħax statutorju huwa rregolat mill-Artikolu 369 tal-Kodiċi Kummerċjali, li skontu fil-każ ta’ inadempjenza l-kreditur, jekk ikun ħeles mill-obbligi statutorji u kuntrattwali tiegħu, huwa permess li jitlob mgħax ta’ inadempjenza bir-rata maqbulha fil-kuntratt, bl-ebda rekwiżit għal xi notifika speċjali. Kif iddikjarat hawn fuq, ir-rata tal-imgħax ta’ inadempjenza f’

relazzjonijiet kummerċjali tista' tiġi modifikata kuntrattwalment. Madankollu, anke meta jkun intlaħaq ftehim dwar l-imgħax ta' inadempjenza, ir-rata trid tkun konformi mal-prinċipji tal-kummerċ ġust. Jekk le, ma jistax jiġi protett id-dritt skont dan il-ftehim, u dan ifisser li **anke jekk ikun intlaħaq ftehim dwar ir-rata tal-imgħax, il-qorti ma tistax tagħti mgħax li jkser dawn il-prinċipji. Eċċezzjon i oħra tikkonċerna d-djun skont kuntratt konkluż mill-konsumatur** meta l-konsumatur ikun id-debitur, meta l-imgħax ta' inadempjenza maqbul ma jistax ikun oġġla mill-ammont speċifikat skont id-dritt ċivili.

Skont l-Artikolu 369 tal-Kodiċi Kummerċjali, jekk ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim dwar ir-rata tal-imgħax ta' inadempjenza, id-debitur ikun obbligat li jħallas l-imgħax ta' inadempjenza bir-rata stabbilita mill-gvern Slovakk fir-Regolament Nru 21/2013 (*nariadenie ċ. 21 /2013 Z.z.*). Il-liġi tippermetti mgħax ta' inadempjenza fiss u varjabbli. Ir-rata fissa tkun ugwali għar-rata bażi tal-BĊE fl-ewwel jum tal-inadempjenza flimkien ma' disa' punti perċentwali; din ir-rata tapplika għall-perjodu tal-inadempjenza fuq id-dejn, u kull aġġustament sussegwenti għar-rata bażi tal-BĊE ma jkollu l-ebda effett fuq ir-rata tal-imgħax ta' inadempjenza (u għaldaqstant ir-rata tal-imgħax ta' inadempjenza tissejjaħ ir-rata fissa). Madankollu, minflok l-imgħax fiss il-kreditur jista' jitlob mgħax ta' inadempjenza varjabbli mingħand id-debitur u għaldaqstant jista' jitlob li d-debitur iħallas mgħax ta' inadempjenza bir-rata bażi tal-BĊE li tkun valida fl-ewwel jum ta' nofs is-sena kalendarja rilevanti flimkien ma' tmien punti perċentwali. Jekk il-kreditur jagħżel imgħax ta' inadempjenza varjabbli, dan il-metodu biex jiġi kkalkulat l-imgħax (mhux ir-rata stabbilita meta ssejjaħ l-inadempjenza, iżda l-metodu biex tiġi kkalkulata r-rata) japplika għall-perjodu ta' inadempjenza fuq id-dejn. Għaldaqstant, l-imgħax ta' inadempjenza varjabbli jfisser li r-rata ta' mgħax ta' inadempjenza tista' tinbidel f'konformità mal-bidliet fir-rata bażi tal-BĊE li tkun valida fl-ewwel jum ta' nofs is-sena kalendarja rilevanti, jiġifieri fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Lulju. Ir-rati ta' mgħax tal-BĊE għall-perjodi individwali jinsabu hawn: <https://www.nbs.sk/en/statistics/financial-markets/interest-rates/interest-rates-of-the-ecb>.

3 Jekk meħtieġ, hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar kif jiġi kkalkulat l-imgħax statutorju?

Il-metodu biex jiġi kkalkulat l-imgħax ta' inadempjenza huwa stabbilit b'mod ċar u komprensiv fil-liġi. Ir-rata tal-imgħax ta' inadempjenza attwali hija ppubblikata mill-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakk (*Ministerstvo spravodlivosti Slovenskej republiky*) (<https://www.justice.gov.sk/Stranky/Nase-sluzby/Civilne-pravo/Aktualna-sadzba-zakonnych-urokov-z-omeskania/Uvod.aspx>). Hija disponibbli wkoll informalment fuq <http://www.najpravo.sk/>, li ta' spiss jintuża mill-kredituri u d-debituri Slovakk u l-avukati tagħhom. Dan is-sit jippermetti kalkoli faċli tal-imgħax ta' inadempjenza bl-użu ta' kalkolatur imfassal apposta għal din ir-raġuni.

4 Hemm aċċess onlajn disponibbli bla ħlas għall-bażi ġuridika msemmija hawn fuq?

Apparti l-links ta' hawn fuq, wieħed jista' jsib il-formulazzjoni attwali tal-leġiżlazzjoni (il-Kodiċijiet Ċivili u Kummerċjali) u r-regoli rilevanti (ir-Regolamenti Nri 87/1995 u 21/2013) fis-siti web <http://www.zbierka.sk/> u <https://www.slov-lex.sk/domov>.

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 14/01/2019